`

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

12 ta' Gunju 2009

**<u>Minuti tal-Wiehed u Tletin (31) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana</u>**

Is-Sindku sejjah il-wiehed u tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **<u>nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2009 fis-6.15 pm</u>**.

Il-wiehed u tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Fanali Ornamentali fil-Housing Estate
6. Innu Civiku Floriana
7. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna
8. Riforma tal-Kunsilli Lokali
9. Ghazla ta' kwotazzjonijiet:
    a. FLC/Q/05/09 – Supply and Installation of Cast Iron Noticeboards
    b. FLC/Q/06/09 – Supply and Installation of Illuminated Locality Map Panels
10. Isle of MTV Festival
11. Sports Day
12. Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata
13. Progett tal-Bankina ta' Triq San Frangisk
14. Korsijiet tal-Kompjuter
15. Xiri ta' vettura
16. Hwejjeg ohra

Ghall-Wiehed u Tletin (31) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **s**-Sindku Nigel Holland,il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Brian Zammit, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja numru 1. Il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat wara materja numru 2.2.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-Disgha u ghoxrin **(29)** laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 3 (NH, FD, SSH)
Astensjonjiet: 1 (BZ)

**Nota: Il-kunsillier Edward Torpiano attenda f dan l-istadju tal-laqgha.**

## 2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana FC fejn talbu biex bhas-snin precedenti il- pubblikazzjoni tal-Evergreen issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

2.1.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq kontromozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Brian Zammit.

Ittiehed vot favur il-kontra mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 2 (ET, BZ)
Kontra: 3 (SSH, FD, NH)

2.1.2 Ghaldaqstant, il-Kunsill qabel biex tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-istampar tal-Evergreen, izda l-Kunsill ghandu jinforma lill-Floriana FC li l-Kunsill ghandu bzonn li jkollu l-abbozz qabel jigi stampat fejn ghandu juri bic-car li dan il-ktejjeb qed jigi ippubblikat bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**Nota: F’dan l-istadju, il-Kunsillier Brian Zammit hareg mil-laqgha.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar talba ghall-permess minghand sid il-hanut Lollie’s Snack Bar biex johrog siggijiet u mwejjed fi Triq Sant’Anna c/w Triq Pietro Floriani. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ghaqda Muzikali Vittorja tan-Naxxar fejn ghaddew suggeriment biex il-punti tal-Festival ikunu mqassmin ahjar fis-snin li gejjin. Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza ghandha tghaddi ghand il-Kumitat Organizzattiv tal-Festival tan-Nar.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sur Joseph C.Gauci qed jitlob danni lill-Kunsill minhabba l-incident li garrab fuq il-bankina ta’ quddiem il-hanut 22nd January. Is-Sindku Nigel Holland gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill, il-parir legali tal-avukat tal-Kunsill li sostna li “rwol tal-Kunsill kien biss limitatament li jinhareg permess ghax-xoghol jew tiswija”. Ghalhekk, is-Sindku ghandu jikteb lura lis-Sur Gauci fejn jinfurmah li wara li l-Kunsill ha parir legali, il-Kunsill ma jitqiesx responsabbli ghad-danni jew li ghandu xi responsabbilta’ diretta dwar dan il-kaz.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Mr. Joe Azzopardi fejn offra lill-Kunsill ix-

xoghol tat-tezi tieghu dwar il-Monument Vilhena u biex dan jigi ppubblikat mill-Kunsill fi ktieb. Il-Kunsill qabel li din il-pubblikazzjoni ghandha tkun fil-pjanijiet futuri tal-Kunsill.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza dwar l-iSkemi Enterprise Support Award u Green Challenge Award. Minhabba nuqqas ta' progetti applikabbli ghal dawn iz-zewg skemi, l-Kunsill iddecieda biex ma jissottomettix dawn l-applikazzjonijiet sakemm ma jkunx hemm xi kunsillier li jressaq xi progett applikabbli.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Pirjol tal-Patrijiet Dumnikani, fejn saret talba ghall-bank tal-gonna biex jitpogga fil-gnien taghhom. Il-Kunsill Lokali ma laqax din it-talba minhabba li l-Kunsill m'ghandux bankijiet zejda fil-prezent.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Mauro Perugini rigward Festival Internazzjonali tal-Buskers fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mill-Kultura, is-Sur Edward Torpiano ghandu jiehu hsieb li jaghmel laqgha mas-Sur Perugini biex jara x'ser tkun tinvolvi lill-Kunsill.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-parir legali li ntalab mill-avukat rigward il-likwidazzjoni tad-danni mitluba mis-Sur Karl De Flavia jghid li l-Kunsill mhux responsabbli tad-danni u li minhabba li x-xoghol tas-Sur De Flavia ma tax ir-rizultat mixtieq, kien il-Kunsill innifsu li sofra d-danni.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vici Prim Ministru l-Onorevoli Tonio Borg fejn heggeg lill-Kunsilli Lokali biex jaghtu donazzjoni ghall-Kuncert b'risq il-vittmi tat-terremot f'L'Aquila. Il-Kunsill ma setax jilqa' din it-talba peress li l-ittra qed titressaq wara li sar il-kuncert u anke minhabba restrizzjonijiet fil-ligi.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand JS Productions fejn talbu li jsir cirku fil-parking area tal-Floriana, hdejn il-Fosos bejn is-17 ta' Dicembru 2009 u l-Hadd 3 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni sakemm li jinzammu l-istess kundizzjonijiet bhas-sena ta' qabel.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'korrespondenza minghand Herrera, Herrera, Giglio Advocates li kitbu ghan-nom tal-Floriana FC Nursery u b'mod indirett ghan-nom tal-Floriana FC fejn talbu informazzjoni dwar il-parti maghrufa bhala no-man's land fl-arena tal-Indipendenza u dwar iz-zona fejn hemm il-basketball pitch. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li huwa kien diga ta ir-risposta tieghu b'ittra formali.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Onorevoli Stefan Buontempo fejn informa lill-Kunsill li hu kien qed isegwi mill-qrib il-process ta' tigdid tal-Kunsilli Lokali u talab lill-Kunsill biex iressaqlu il-kummenti tieghu. Peress li din il-materja tinsab fuq l-agenda, ser tigi diskussa aktar tard f'din l-istess laqgha.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Stephen Tonna fejn talab hlas tat-trasport ta' Malta u Ghawdex ghal mawra f'Ghawdex fil-weekend tal-festa tal-Madonna tas-Sokkors. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jaghmel bukkett lill-Madonna tas-Sokkors f'Kercem. Il-Kunsill qabel nem.con.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland talab il-parir tal-Kunsill dwar jekk ghandux jikkunsidra l-ewwel pubblikazzjoni ta' ktieb miktub bl-ingliz minn Mr Joe Bugeja fuq il-Floriana tal-passat. Il-Kunsill qabel fil-principju u ghandu jitlob stima mill-istampaturi.

## 3 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera biex iressqu xi mistoqsijiet.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet min kien qed jiehu hsieb is-sound u l-filming tal-Festival tan-Nar minhabba li kien hemm diversi ilmenti fuq is-sound kif ukoll fuq il-filming li setghu kienu ahjar. IS-Sindku wiegeb li is-sound kien f'idejn li-kuntrattur Twilight Light and Sound System filwaqt li l-filming sar mill-istazzjoni Family TV. Is-Sindku kompla li l-Kunsill ghandu jzomm nota ta' dan biex ma jittiehdux l-istess decizjonijiet dwar l-ghazla tal-kuntratturi fis-snin li gejjin.

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill ghandu jistieden lil Onoroveli Stefan Buontempo ghall-Konferenzi Stampi li ghalihom jkun mistieden l-Onor. Chris Said. Is-Sindku Nigel Holland spjega li l-Onor. Chris Said kien mistieden minhabba il-kuntratt li l-Kunsill ghandu mal-Gvern Centrali li jghid li s-Segretarju Parlamentari ghandu jkun mistieden minhabba l-ghajnuna finanzjarja li tinghata mill-iskema organizzata mill-istess Segretarjat Parlamentari. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill ukoll li minhabba li l-Onorevoli Stefan Buontempo ma jisponsorjax l-attivitajiet tal-Kunsill, ma jahsibx li dan ghandu jkun mistieden.

3.4 Il-Vici Sindku Franco Davies staqsa lis-Sindku dwar min hu l-kuntrattur tal-patching tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland informa li l-kuntrattur tal-Kunsill huwa Polidano Group of Companies Ltd. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ghandu jsir patching fejn l-funtana tal-Iljun minhabba l-hofor kbar li hemm. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li skond il-kuntrattur, qabel jibda x-xoghol ta' patching, ghandu jkun hemm numru sostanzjali ta' toroq fi bzonn ta' patching.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsilliera biex jirrapurtaw kwalunkwe haga fil-Floriana li jista' jkollha bzonn attenzjoni jew xoghol biex b'hekk il-Kunsill ikun qed jaghti l-ahjar servizz possibli.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **26/05 A-B-C-D (7586-7706)** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontra-mozzjoni beix isir il-hlas tal-pagamenti minbarra cheque numru 7609 minhabba li ma jaqbilx li l-kuntrattur jithallas tax-xoghol tal-bankina tat-22nd January izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

4.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni u ssekondata mill-Kunsillier Franco Davies, biex isir il-hlasijiet tal-kontijiet pendenti kif indikati fl-iskeda msemmija f'4.1, bir-rizultat ikun:

Favur: 3 (ET, FD, SSH)
Kontra : 1 (NH)
Astensjoni: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, mill-Vici Sindku Franco Davies, u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Vici Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 5. Fanali Ornamentali fil-Housing Estate

5.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tiftah id-diskussjoni dwar il-materja peress li kienet hi li talbet biex il-materja tkun fuq l-agenda

5.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet biex isiru fanali ornamentali fil-Housing Estate ta’ Triq il-Fosos.

5.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili kompliet li l-Kunsill ser iressaq talba lill-Enemalta biex fejn hu possibli dawn jitqabbdu mal-konsum tal-Enemalta u jiehdu post il-fanali wall mounted.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex l-Kunsill ghandu jipprova jqabbad il-fanali l-godda minflok dawk ezistenti u f’kaz li ma jkunx hemm dawl bizzejjed il-Kunsill ikollu jaghmel meter gdid u l-konsum ikun fuq il-Kunsill.

5.5 Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghand il-MEPA biex jitwahhal fanal ornamentali fuq il-Fosos ta’ quddiem l-ispizerija. Dan ix-xoghol jista’ jsir mill-kuntattur Nexos Street Lighting wara li jinhareg il-permess mill-MEPA.

5.6 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghandha titlob katalogu kif ukoll stima fuq it-tip ta’ fanali minghand il-kuntrattu tal-istreet lighting, li jistghu isiru biex b’hekk tkun tista’ tittiehed decizjoni.

## 6.0 Innu Civiku Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar lill-Kunsill fid-decizjoni li kien ha l-istess Kunsill biex isir Innu Civiku.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li hu kien talab parir minghand is-Surmast tal-Banda Mr Michael Borg li ssuggerixxa li l-ewwel ghandha ssir il-muzika wara il-lirika.

6.3 Il-Kunsill qabel nem.con li ghandha tohrog sejha ghall-kompozituri maltin ghal min hu interessat jaghmel il-muzika ta’ dan l-innu.

6.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex l-Kunsill jgib gurija minn barra minn Malta biex b’hekk ma jkunx hemm preferenzi fid-decizjoni li tittiehed dwar il-muzika. Il-Kunsill qabel nem.con mal-proposta tas-Sindku.

## 7.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant’Anna

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li fid-19 ta’ Mejju ser issir l-ewwel laqgha tas-sotto-kumitat ta’ Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant’Anna.

7.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill ukoll li kienet harget sejha mill-Kunsill ghal min hu interessat jorganizza dan l-avveniment pero hadd ma kien wera’ interess u ghaldaqstant is-sejha regghet harget.

7.3 Il-Kunsill qabel nem.con biex jaggorna din id-diskussjoni dwar din il-materja sakemm issir l-ewwel laqgha ta’ dan is-sotto-kumitat u taghlaq is-sejha tal-offerti.

## 8.0 Riforma tal-Kunsill Lokali

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi talab il-kummenti tal-kunsilliera dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali b'riferiment ghall-ittra mibghuta mill-Onor. Stefan Buontempo.

8.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili stqarret li ma taqbilx mat-tigdid tat-termini tal-elezzjoni minhabba li dan mhux ser jaghti cans lil min hu interessat johrog ghall-elezzjonijiet tal-Kunsill apparti l-fatt li min tela' fl-elezzjoni precedenti jista' jkun li ma kienx ippreparat ghal mandat ta' hames snin. Il-Kunsill Lokali qabel li ghandu jghaddi l-kummenti tieghu dwar dan il-mandat u jissuggerixxi li jinstab il-mekkanizmu biex ma jsirx il-prolungar tat-terminu tal-Kunsill ghal hames snin.

8.3 Il-Kunsill ma jaqbilx ukoll li jigi marbut dwar il-hinijiet tal-laqghat tieghu diment li ma jkunx hemm ilmenti mill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li ghandu jissuggerixxi li ghandu jkun hemm kontroll fuq il-hinijiet tal-laqghat izda li l-laqghat ghandhom jithallew jibdew mis-2 pm 'il quddiem.

8.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano esprima wkoll li hu ma jaqbilx li l-Kunsill ghandu jiftah is-Sibt specjalment bil-part timers. Il-Kunsill qabel li mhux kontra li l-Kunsill jiftah is-Sibt diment li l-istaff prezenti ma jkunx obbligat jaghmel dan u sakemm dan imur kontra l-ftehim kollettiv tal-impjegati.

8.5 Il-Kunsill issuggerixxa wkoll li il-kariga tas-Sindku ghandha tiehu rwol ta' Sindku fulltime fejn dan huwa possibli specjalment f'kazijiet fejn is-Sindku huwa impjegat mal-gvern jew ma' agenzija tal-gvern. Din m'ghandhiex tkun obbligatorja pero' ghandha tkun ghazla.

8.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies issugerixxa wkoll li fejn ir-riforma ssemmi kunsillier ghandu jithalla jattendi ghal-laqghat li jkollu l-Kunsill, ghandu jigi specifikat jekk il-laqgha hux laqgha tal-Kunsill jew laqgha li ghandha x'taqsam mal-Kunsill.

8.7 Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsill Lokali Floriana ghandu juri li hu ma jaqbilx dwar il-limitu ta' flus stabbilit fuq infieq relatat mal-gemellaggi u dan peress li s-somma mhijiex wahda baxxa wisq.

8.8 Il-Kunsill iddecieda li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar fid-dettal meta tohrog l-abbozz tal-ligi.

**Nota: Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat u ghaldaqstant il-Vici-Sindku kompla jippresiedi l-laqgha.**

## 9. Ghazla ta' Kwotazzjonijiet:

### 9.1 FLC/Q/05/09 – Supply and Installation of Cast Iron Noticeboards

9.1.1 Il-Kunsill kellu zewg kwotazzjonijiet minghand Zaffarese Displays Ltd u minghand Anton Zarb.

9.1.2 Ittiehed vot favur l-ghazla tal-orhos kwotazzjoni, jigifieri dik ta' Zaffarese Displays Ltd. wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies.

9.1.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:

Favur: 3 (ET, FD, SSH)
Kontra: 0

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha, is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha u kompla jippresiedi l-laqgha.**

**9.2 <u>FLC/Q/06/09 – Supply and Installation of Illuminated Locality Map Panels</u>**

9.2.1 Il-Kunsill kellu zewg kwotazzjonijiet minghand Zaffarese Displays Ltd u minghand Anton Zarb.

9.2.2 Ittiehed vot favur l-ghazla tal-orhos kwotazzjoni, jigifieri dik mitfugha minn Anton Zarb wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano.

9.2.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, ET, FD, SSH)
Kontra: 0

## 10. Isle of MTV Festival

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi informa lill-Kunsill li l-organizzaturi tal-Isle of MTV ikkonfermaw li l-Festival ta' din is-sena ser jerga' jsir fuq il-Fosos bl-istess arrangamenti tas-snin ta' qabel b'xi tibdil zghir.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ghandu jinforma lill-organizzaturi li ghandhom jiehdu hsieb it-tindif taz-zona kollha indikata bl-isfar fuq is-site plan ipprovuduta minnhom.

10.3 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jinforma lill-kuntrattur tal-Kunsill li l-fosos ghandhom jitnaddfsu sew qabel l-avveniment minhabba li s-sena l-ohra kien hemm xi lmenti dwar l-indafa.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-organizzaturi ser jimpjegaw l-istess numru ta' wardens bhas-sena l-ohra.

10.5 Is-Sindku Nigel Holland qabel li dawn id-dettalji ghandhom jigu diskussi fil-laqgha li ser issir mal-organizzaturi stess fil-jiem li gejjin.

10.6 Il-Kunsill qabel nem.con biex jinhareg il-permess bil-kundizzjonijiet tas-sena l-ohra, inkluz id-depozitu ta' €1166 kif ukoll l-impjieg ta' gwardjani lokali kif imsemmi aktar 'il fuq, isir it-tindif immedjatament wara l-attivita', u jkun hemm penali fuq id-dewmien ta' twahhil mill-gdid tal-ghamara tat-triq li qed jitolbu li tinqala'.

## 11. Sports Day

11.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tiftah id-diskussjoni dwar din il-materja, peress li kienet hi li talbet biex din il-materja titpogga fuq l-agenda.

11.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-MOC talbet lill-Kunsill biex jorganizza Sports day u dan bhala parti mill-obbligi li l-Kunsill kien dahal ghalihom meta applika ghall-award moghti mill-Kumitat Olimpiku Malti.

11.3 Il-Kunsill qabel li tkun idea tajba kieku din l-isports day tittella fl-Arena tal-Indipendenza fejn ghandh tintalab l-ghajnuna tal-ghaqdiet sportivi lokali billi jorganizzaw attivita' sportiva kull wiehed.

**<u>Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha, is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat u ghaldaqstant</u>**

11.4 Il-Kunsill qabel ukoll li din l-isports day ghandha tittella fl-ewwel *weekend* ta' Settembru.

11.5 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jsir avviz biex ihajjar lit-tfal jippartecipaw kemm fl-iSports Day kif ukoll fil-Fun Run imtella mill-MOC.

11.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill ghandu jhallas it-trasport necessarju fir-rgiward tal-Fun Run. Il-Kunsill approva.

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha rega' attenda s-Sindku Nigel Holland fejn kompla jippresiedi l-laqgha**

## 12. Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni li s-sotto-kumitat jinsab ghaddej b'hidma intensiva dwar din iz-zjara u gie ffinalizzat il-programm tal-gita li l-prezz tieghu ghandu jitla ghal madwar €530 minghajr eskursjonijiet.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsilliera biex jinfurmaw lil min hu interessat li jsiefer mal-banda Vilhena gewwa Macerata, li ser issir laqgha dwar din il-gita nhar il-Gimgha 22 ta' Mejju fis-6pm fid-Dar tal-Kunsill Lokali.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla jheggeg lill-kunsilliera biex jaghtu promozzjoni kemm jistghu dwar din il-gita u dan peress li s-sotto-kumitat intrabat mal-agenzija tal-ivvjagar li jkun hemm 85 ruh li ghandhom jinkludu 35 bandist.

## 13. Progett tal-Bankina ta' Triq San Frangisk

13.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-progett tal-bankina fi Triq San Frangisk qieghed jitlob ir-*retention money* lill-Kunsill, li kien zammlu l-perit minhabba li x-xoghol ma kienx iffinalizzat.

13.2 Il-Kunsill ma qabilx li ghandha tithallas lura ir-*retention money* u dan ghaliex ghad fadal xi xoghlijiet zghar li ghadhom ma sarux. Il-Kunsill kompla li dan il-hlas ma jistax isir qabel ma l-perit jiccertifika x-xoghol bhala komplut.

13.3 Il-Kunsill iddecieda biex fil-granet li gejjin issir laqgha fuq il-post bejn il-kuntrattur, il-perit u rapprezentanti tal-Kunsill halli jigi indikat ix-xoghol li ghad jonqos isir halli wara l-kuntrattur ikun jista' jithallas ir-*retention money*.

13.4 Intant, is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jitlob lill-perit jaghmel l-applikazzjonijet necessarji biex jitkompla ix-xoghol fuq il-bankini li ghad jonqos f'din it-triq.

## 14. Korsijiet tal-Kompjuter

14.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kienet hi li talbet din il-materja tkun fuq l-agenda.

14.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill ghandu jaghmel kors tal-kompjuter ghall-

*Beginner*s adulti b’kollaborazzjoni mat-TCTC.

14.3 Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi kkunsidrata sakemm li jsir hlas totali qabel ma jibda’ l-kors biex b’hekk ikun hemm irbit fl-attendenza u dan ghaliex fil-passat il-Kunsill minkejja l-ammont ta’ applikazzjonijiet ftit kienu dawk li attendew ghal dan il-kors.

## 15. Xiri ta’ Vettura

15.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies biex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li talab din il-materja tkun fuq l-agenda minkejja li huwa kien diga ressaq dan il-punt diversi drabi quddiem il-Kunsill ghaliex ihoss il-bzonn ta’ xiri ta’ vettura bhala wiehed essenzjali.

15.2 Il-Vici Sindku Franco Davies issuggerixxa li ghandha tinxtara vettura ghall-Kunsill Lokali Floriana u dan biex il-haddiema ikunu jistghu igorru l-ghodda u l-makkinarju li jkollhom bzonn biex jaghmlu x-xoghlijiet fit-toroq tal-lokalita’.

15.3 Minhabba li qabel tittiehed decizjoni jridu jitqiesu diversi fatturi, il-Kunsill qabel fil-principju izda ddecieda li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar ‘il quddiem.

## 16. Hwejjeg ohra

16.1 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jiehu hsieb li jaghmel uniformi lill-haddiema tal-IPSL mislufa lill-Kunsill u anke lill-kenniesa. Il-Kunsill qabel nem con.

16.2 Il-Kunsill qabel nem.con biex jinforma lill-kuntrattur li qed jaghmel ix-xoghol taht il-Forka li jekk dan ix-xoghol ma jitlestiex sal-ahhar ta’ Mejju, il-kuntrattur ma jithallasx.

16.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano issuggerixxa biex isir fencing tal-hadid mal-madwar tal-monument ta’ Pietro Paolo Floriani minhabba l-protezzjoni tieghu peress li qed ikun hemm gruppi ta’ zghazagh li qed ipoggu fuq l-iskali tieghu u jista’ jittebba’ l-irham. Il-Kunsill Lokali iddecieda biex jitlob kwotazzjoni ghal disinn lill-iskultur Chris Ebejer u ghandu jiddeciedi minnhemm dwar il-bzonn ta’ hadid.

16.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet lill-Kunsill biex jinbidlu it-tabelli tat-traffiku li hemm faccata tad-Depot peress li tilfu l-kulur taghhom. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jivverifika dan l-ilment qabel ma jordna tabelli godda.

16.5 Il-Vici Sindku Franco Davies issuggerixxa biex l-haddiema ghandhom iduru t-tabelli kollha li hemm fil-Floriana u jissikkawhom minhabba li hafna minnhom daru bir-rih. Il-Kunsill approva.

16.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet talba biex jibghat lill-haddiema biex jinfriskaw iz-zebgha taz-zebra crossing u l-istop li hemm fi Triq il-Kapuccini. Il-Kunsill approva nem.con

16.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li ghandu jitwahhal planter/bollard quddiem l-indirizz no. 28, Triq Antonio Agius. Il-Kunsill approva nem.con.

16.8 Wara talba mir-residenti tal-Housing Estate, il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel zewgt iqsari fil-bitha tal-Housing Estate u dan sakemm ir-residenti li ghamlu din it-talba jkunu responsabbli mit-tisqija u z-zamma

taghhom

16.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili hasset li matul l-inawgurazzjoni tal-monument Pietro Paolo Floriani kellu jsir ringrazzjament lill-Kunsill Lokali precedenti. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li minkejja li huwa kien jaghmel parti mill-Kunsill precedenti ma jhossx li kellu jaghmel dan ir-ringrazzjament sakemm ma jissemmiex ukoll l-inkwiet li dahhal fih lill-Kunsill prezenti fir-rigward tat-tahwid li sar fl-applikazzjoni ghall-permess tal-MEPA.

16.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ghandhom jinghataw lapel badges mill-godda bl-arma tal-Kunsill, bla hlas lill-ex kunsilliera. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan izda qabel li ghandhom jinghataw lapel badges bla hlas lill-membri kollha tas-sotto-kumitati.

Il-laqgha ntemmet fid- 9.00 p.m

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |